Il-KUMMISSJONI EWROPEA

*Brussell, 3.11.2011*
*C(2011) 7584 finali*

*Għażiż Speaker,*

*Nixtieq nirringrazzjak tal-opinjoni motivata tal-Kamra tad-Deputati dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva fuq Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva (BKKTK) {COM (2011) 121}, li fiha inti tqajjem tħassib rigward il-konformità tal-proposta mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.*

*B'reazzjoni għall-Opinjoni, se nibda b'xi rimarki ġenerali dwar il-kuntest politiku ta' din il-proposta u l-konformità tagħha mal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, qabel ma nerġa' niġi għall-punti speċifiċi mqajma fl-Opinjoni f'aktar dettall.*

*Is-sistemi tat-taxxa korporattiva nazzjonali joperaw f'kuntest ta' globalizzazzjoni, kompetizzjoni fiskali internazzjonali, u kumpaniji li qegħdin dejjem aktar ifittxu għal opportunitajiet fis-suq lil hinn mill-fruntieri. Madankollu, il-koeżistenza ta' 27 sett ta' regoli tat-taxxa wisq differenti fis-suq uniku ifisser li l-kumpaniji qegħdin jiffaċċjaw ostakli fiskali sinifikanti li jistgħu jiskuraġġixxu u jimpedixxu l-attivitajiet transkonfinali tagħhom. Din id-diverġenza fir-regoli fiskali nazzjonali tnaqqas it-trasparenza tas-sistemi tat-taxxa u toħloq ostakli fis-suq intern li joħolqu tgħawwiġ sinifikanti u spejjeż ta' konformità għan-negozji.*

*Is-sitwazzjoni hija partikolarment serja għal impriżi żgħar u medji (SMEs), li ta' spiss jonqoshom ir-riżorsi biex jegħlbu dawn l-ineffiċjenzi u għalhekk jiffaċċjaw diżinċentivi qawwija biex jespandu lil hinn mill-fruntieri. Mingħajr aktar azzjoni, hemm ir-riskju reali li din is-sitwazzjoni tippersisti, u toħloq spejjeż mhux meħtieġa għall-konformità fis-suq uniku.*

*F'dan il-kuntest, il-proposta għal BKKTK toffri l-opportunità lill-Istati Membri biex jikkunsidraw tassazzjoni korporattiva minn perspettiva aktar sostenibbli u trasparenti, filwaqt li tħalli lin-negozji jgawdu aċċess eħfef għas-suq uniku. Il-Kummissjoni hija konvinta li hija biss azzjoni miftiehma fil-livell tal-Unjoni Ewropea li tista' tindirizza l-isfidi tat-tassazzjoni korporattiva f'suq uniku b' mod sistematiku u b'hekk tiżgura benefiċċji għan-negozji u l-finanzi nazzjonali pubbliċi.*

*Il-Kummissjoni qagħdet ferm attenta li tiżgura li din il-proposta tirrispetta bi sħiħ il-prinċipji ta'sussidjarjetà u proporzjonalità. Ir-raġunament huwa stipulat fil-memorandum ta' spjegazzjoni u fil-premessi għad-Direttiva [COM (2011) 121 finali],*

*Dr Michael FRENDO*
*Speaker*
*Kamra tad-Deputati*
*Il-Palazz*
*MT – VALLETTA CMR 2000*

*kif ukoll fir-rapport dwar il-valutazzjoni tal-impatt li jakkumpanjaha (IAR) [SEC (2011) 315 finali].*

*Fil-fehma tal-Kummissjoni, l-għanijiet li d-Direttiva proposta għandha tikseb ma jistgħux jinkisbu mill-Istati Membri meta jaġixxu weħidhom. Minħabba li l-għan tal-leġiżlazzjoni hu li jiġu indirizzati l-impedimenti fiskali għal operazzjonijiet transkonfinali effiċjenti li jirriżultaw prinċipalment mill-frammentazzjoni maħluqa minn 27 sistema fiskali differenti, aktar azzjoni mhux ikkoordinata mill-Istati Membri ma tindirizzax il-problemi fundamentali u tirriskja li jiġu pperpetwati jew aggravati.*

*Il-proposta tistipula opzjoni għal kumpaniji biex jagħżlu sett uniku ta' regoli għall-kompjuterizzazzjoni, l-ikkonsolidar u l-qsim ta' bażi tat-taxxa ta' impriżi assoċjati madwar l-Unjoni. Meta jitqiesu l-iskala u l-effetti tal-azzjoni proposta, l-għanijiet tagħha, sabiex jittaffew id-distorzjonijiet li jirriżultaw mill-interazzjoni attwali ta' 27 sistema fiskali nazzjonali u jinħolqu aktar kundizzjonijiet favorevoli għal investiment transkonfinali fis-suq uniku, jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni.*

*Ir-regoli stipulati fil-proposta, bħall-eżenzjoni mit-telf transkonfinali, ir-ristrutturazzjonijiet interni tal-grupp li jkunu ħielsa mit-taxxa u l-eliminazzjoni ta' trasferimenti tal-prezzijiet ikkumplikati f'intragrupp, jindirizzaw kwistjonijiet li huma intrinsikament transkonfinali fin-natura tagħhom u li jistgħu jiġu solvuti biss f' kuntest ta' regolament komuni. Inizjattivi nazzjonali fil-probabbiltà kollha mhux se jkunu effettivi biex isolvu dawn il-kwistjonijiet u jistgħu joħolqu aktar tgħawwiġ fis-suq, b'mod partikolari tassazzjoni doppja jew nuqqas ta' tassazzjoni. Regoli komuni huma wkoll prerekwiżiti biex jinħoloq "one-stop shop (punt uniku ta' servizz)" għal kumpaniji jew gruppi ta' kumpaniji li joperaw madwar l-UE.*

*Skont l-IAR, il-BKKTK hija tabilħaqq mistennija li toħloq kondizzjonijiet iktar favorevoli għal investiment transkonfinali fis-suq intern. Huwa stmat li se tippermetti iffrankar fiskali sostanzjali marbut mal-ispejjeż biex wieħed jistabbilixxi ruħu barra l-pajjiż permezz ta' sussidjarja ta'daqs medju. Kumpanija prinċipali kbira se tiffranka madwar 62% tal-ispejjeż stmati li jiġu inkorsi fis-sitwazzjoni attwali. L-iffrankar se jilħaq 67% fil-każ ta' kumpanija ta' daqs medju. Aktar minn hekk, il-kumpaniji aktarx li jiksbu benefiċċji konsiderevoli mit-tnaqqis fil-ħin u l-ispejjeż għall-konformità. L-ispejjeż kurrenti se jitnaqqasu b'7%, li huwa ekwivalenti għal sa EUR 0.7 biljuni madwar l-UE. Il-possibbiltà li jiġi bbilancjat telf transkonfinali fi ħdan l-istess grupp jista' jwassal ukoll għal iffrankar annwali ta' EUR 1.3 biljun għall-kumpaniji fl-UE.*

*Nixtieq nenfasizza li l-proposta hija adegwata għal dak li hu meħtieġ biex jinkisbu l-għanijiet tat-Trattati.*

*Ma taffettwax is-sovranità tal-Istati Membri fejn jidħol l-iffissar mingħandhom stess ta' rati fiskali korporattivi. Il-proposta għal BKKTK tirrigwardaw l-armonizzazzjoni tal-bażi tat-taxxa korporattiva, li hija prerekwiżit sabiex jiġu kkontrollati l-ostakoli fiskali identifikati u jiġu korretti l-elementi li jfixklu l-kunċett ta' suq waħdieni. ma tinvolix l-armonizzazzjoni tar-rati tat-taxxa.*

*Il-proposta għal BKKTK hija mfassla wkoll bħala sistema opzjonali. Ma tobbligax kumpaniji li mhumiex biħsiebhom joperaw lil hinn mill-fruntieri tal-Istat Membru tagħhom sabiex jimplimentaw ir-regoli komuni u jħallsu l-ispejjeż assoċjati.*

*Naturalment, l-awtoritajiet tat-taxxa nazzjonali se jkollhom jissodisfaw ċerti spejjeż finanzjari u amministrattivi ta' darba, sabiex jaqilbu għas-sistema l-ġdida. L-amministrazzjonijiet jistgħu madankollu ukoll jagħżlu li jżommu r-regoli domestiċi tagħhom tat-taxxa korporattiva, biswit il-BKKTK, li jwasslu għal żieda fl-ispiża attwali fit-tmexxija tas-sistemi fiskali tagħhom. Madankollu, fiż-żewġ każijiet, huwa mistenni li l-impatt pożittiv ta' nofs il-perjodu tal-BKKTK, se jegħleb l-ispejjeż addizzjonali.*

*Huwa ċar li dawn il-benefiċċji ma setgħux jitwettqu permezz ta' approċċ ibbażat fuq il-koordinazzjoni fiskali waħidha. Filwaqt li l-Kummissjoni b'konsistenza mexxiet 'l quddiem il-koordinazzjoni ta' prattiċi fiskali nazzjonali, l-esperjenza wriet li dan l-approċċ huwa kajman u r-riżultati sa issa kienu modesti. Barra minn hekk, il-koordinazzjoni fiskali tindirizza tipikament biss kwistjonijiet speċifiċi, immirati, u mhijiex biżżejjed biex tindirizza varjetà wiesgħa ta' problemi li qed jiffaċċjaw il-kumpaniji fis-suq uniku.*

*Il-Kummissjoni għalhekk hija konvinta li d-Direttiva proposta dwar il-BKKTK tirrappreżenta l-iktar rispons adegwat għall-problemi serji identifikati u hija kompletament konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.*

---

*Rigward il-punti speċifiċi l-oħra mqajma fl-Opinjoni, il-Kamra tad-Deputati hija tal-fehma li l-ambitu tal-Artikolu 115 TFUE mhux wiesgħa biżżejjed biex jaġixxi bħala bażi legali għall-BKKTK; u li l-kisba tal-benefiċċji fundamentali tas-sistema (eż. eżenzjoni għal telf transkonfinali) ma teħtieġx azzjoni kkoordinata fil-livell tal-UE.*

*Il-Kamra tad-Deputati temmen li 'it-Trattati ma jagħtux is-setgħa b'mod ċar lill-Istituzzjonijiet biex jadottaw, taħt l-Artikolu 115, Direttiva li fiha miżura li tipprova tistabbilixxi s-sistema proposta għal BKKTK għad-determinazzjoni ta' bażi fiskali korporattiva,..., b'mod daqshekk estensiv'. L-opinjoni motivata tinnota wkoll li, minħabba l-fatt li t-Trattat ta' Lisbona jirreferi espliċitament għall-prinċipju ta' konferiment, il-Kummissjoni issa 'għandha l-obbligu li tipprova illi kull miżura proposta taħt l-Artikolu 115, taqa' taħtu'.*

*Il-Kummissjoni taqbel li l-prinċipju tal-konferiment huwa l-qofol tal-liġi Ewropea u jgħarraf il-qsim tal-kompetenzi sa mill-ħolqien tal-Komunitajiet fil-ħamsinijiet. L-Artikolu 115 TFUE jirriproduċi attwalment il-kliem tal-Artikolu 94 tat-Trattat dwar il-Komunità Ewropea u jista' jiġi ttraċċat fit-Trattati lura saħansitra sal-1957 (jidher bħala l-Artikolu 100). Nixtieq nenfasizza wkoll li l-Artikolu 115 TFUE u l-preċedessuri tiegħu s'issa servew bħala bażijiet legali għad-Direttivi kollha tal-UE fil-qasam tat-tassazzjoni diretta. Bħala fatt, id-Direttivi dwar it-taxxa korporattiva dejjem indirizzaw għaldaqstant il-problemi ta' natura transkonfinali b'impatt fuq is-suq intern. U l-proposta tal-BKKTK, għal Direttiva, mhi xejn differenti f'dan ir-rigward.*

*Il-Kamra tad-Deputati hija tal-fehma li 'l-approssimazzjoni' tal-liġijiet għandha tfisser li 'riżultat komuni jinkiseb permezz tal-konverġenza ta' liġijiet nazzjonali għal dak il-għan' u li m'għandhiex tfisser li 'l-liġijiet huma unifikati jew li liġi jew sistema Ewropea unika hija maħluqa'. Hija wkoll tal-fehma li l-BKKTK tmur 'lil hinn mil-*

*limiti tal-armonizzazzjoni tal-liġijiet'. Madankollu l-BKKTK ma tippruvax iġġib l-armonizzazzjoni sħiħa tal-liġijiet tat-taxxa korporattiva. Hija mfassla bħala sistema fakultattiva u ma tmissx r-rati tat-taxxa. Aktar minn hekk, il-BKKTK ma teliminax il-kompetizzjoni fiskali iżda tagħmilha aktar trasparenti billi tipprovdi regoli komuni għall-bażi tat-taxxa.*

*Il-Kamra tad-Deputati tistipula li l-BKKTK b'implikazzjoni se taffettwa r-rati tat-taxxa hekk kif l-Istati Membri se jiġu mġiegħla li jibdluhom. Il-Kummissjoni hija konvinta li għażliet baġitarji nazzjonali probabbilment se jiddependu fuq varjetà ta' fatturi. Pereżempju, in-numru ta' kumpaniji li jagħżlu l-BKKTK jista' jkun wieħed mill-elementi li għandu jiġi kkunsidrat f' dan ir-rigward. L-impatt fuq l-introjtu tal-Istati Membri fl-aħħar mill-aħħar se jiddependi fuq l-għażliet ta' politika nazzjonali fir-rigward tal-adattamenti possibbli fit-taħlita ta' strumenti differenti tat-taxxa jew ir-rati tat-taxxa applikati.*

*Għalkemm huwa veru li l-proposta tal-Kummissjoni ma tistax tibbenefika mill-istorja ta' interpretazzjoni mill-ammistrazzjonijiet tat-taxxa u t-tribunali, dan il-fatt ma jistax fih innifsu jirrappreżenta impediment għal biċċa leġiżlazzjoni ġdida. Il-leġiżlazzjoni tevolvi biex tilħaq il-ħtiġijiet ekonomiċi u soċjali u, f'dan is-sens, amministrazzjonijiet u qrati spiss jeħtieġu jiddeċiedu mingħajr preċedent.*

*Il-Kamra tad-Deputati tibża' li, bħala sistema fakultattiva, il-BKKTK tista' tpoġġi fi żvantaġġ kumpaniji żgħar li 'jistgħu jsibuha diffiċli biex jagħżlu l-aħjar sistema għalihom infushom'. Il-Kummissjoni pjuttost temmen li l-karatteristika fakultativa tal-BKKTK hija sinifikanti b'mod partikolari għall-kumpaniji ż-żgħar. Tabilħaqq m'hemm l-ebda raġuni għaliex impriżi li joperaw lokalment u mingħajr kwalunkwe intenzjoni biex jespandu lil hinn mill-fruntieri, għandhom jiġu sfurzati sabiex ibiddlu s-sistema tat-taxxa tagħhom.*

*Sa fejn għandhom x'jaqsmu l-ispejjeż ta' konformità u l-interazzjoni mal-awtoritajiet tat-taxxa, kumpaniji individwali li japplikaw is-sistema jkollhom x'jaqsmu biss mal-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istat Membru fejn hemm ir-residenza attwali tat-taxxa tagħhom. Meta niġu għal gruppi ta' kumpaniji b'membri f'aktar minn Stat Membru wieħed, il-kumpaniji tal-grupp kollu għandhom jirreferu għall-istess awtorità tat-taxxa, jiġifieri dik tal-kontribwent prinċipali (il-grupp prinċipali fl-UE). Il-Kummissjoni tiddubita kemm l-introduzzjoni ta' aktar mezzi elettroniċi fil-livell ta' Stati Membri, waħdu, jirrappreżenta mezz effiċjenti biex jintlaħaq l-għan aħħari. Bosta Stati Membri diġà introduċew servizzi elettroniċi fl-amministrazzjonijiet tat-taxxa tagħhom li jiffaċilitaw il-ħajja ta' dawk li jħallsu t-taxxi, mingħajr madankollu ma jindirizzaw il-kwistjoni kkonċernata fil-proposta għal BKKTK.*

*Naqbel li l-BKKTK ma teliminax il-ħtieġa li jiġi ttrattat tilwim dwar il-prezzijiet tat-trasferiment meta niġu għat-tranżazzjonijiet u negozjati bejn il-grupp u entitajiet barra mill-grupp. Madankollu, tikkontribwixxi b'mod sinifikattiv għat-tnaqqis tal-għadd ta' każijiet fejn il-persuni li jħallsu t-taxxa se jkollhom jagħmlu aġġustamenti ta' pprezzar skont il-prinċipju 'distakkat'. Id-Direttiva tipprovdi għal mekkaniżmu li jittratta kwistjonijiet fost l-Istati Membri. Madankollu din ma tirrigwardax prezzijiet ta' trasferiment iżda primarjament kwistjonijiet oħra li jistgħu jinqalgħu fil-kuntest tal-grupp konsolidat transkonfinali.*

*Il-Kamra tad-Deputati hija konvinta li azzjoni fil-livell tal-UE mhijiex meħtieġa fil-qasam tal-ipprezzar tat-trasferimenti 'billi diġà jeżistu mekkaniżmi xierqa'. Hemm referenza għat-Trattati dwar Taxxa Doppja, il-Konvenzjoni ta' Arbitraġġ u r-riżultati miksuba mill-Forum Konġunt dwar il-Prezzijiet ta' Trasferiment (JTPF). Il-Kummissjoni tapprezza ħafna l-kisbiet tal-JTPF, iżda tixtieq tenfasizza li, minkejja l-progress li sar, il-proċess jimxi bil-mod u jindirizza biss parzjalment waħda mill-problemi (jiġifieri l-prezzijiet ta' trasferiment) li jagħmlu ostakli għal attività kummerċjali transkonfinali tal-kumpaniji fis-suq intern.*

*Il-Kamra tad-Deputati tirreferi għall-possibbiltà li għandhom l-Istati Membri li jnaqqsu t-telf transkonfinali imġarrab minn grupp permezz ta' azzjoni fil-livell nazzjonali. Tirreferi wkoll għall-ġurisprudenza tal-QEĠ f'dan il-qasam – speċjalment Marks & Spencer (M & S)*[1]*. Il-Kummissjoni temmen li l-pożizzjoni tal-QEĠ dwar telf transkonfinali, kif elaborat f'M&S u l-linja ta' każijiet li segwew, ma toffrix motivi adegwati biex jittieħed kont tat-telf transkonfinali. L-impatt ta' dawn il-każijiet biex tinbidel l-attitudni tal-Istati Membri lejn li jippermettu tali telf kien minimu.*

*Il-Kamra tad-Deputati għandha dubji dwar ir-Regola Ġenerali Kontra l-Abbużi (GAAR) kif ukoll dwar id-dispożizzjonijiet speċifiċi ta' kontra l-abbużi tad-Direttiva proposta. Speċifikament, hija tidentifika l-Kodiċi tal-Kondotta għat-Tassazzjoni tal-Intrapriżi bħala mekkaniżmu suffiċjenti biex tirregola l-prattiki fiskali dannużi fi ħdan l-UE. Madankollu, il-Kodiċi tal-Kondotta għandu ambitu limitat għal 5 kriterji ta' ħsara, fejn it-twettiq ta' kwalunkwe wieħed minnhom jista' jagħmel miżura nazzjonali partikolari perikoluża. F'dan is-sens dan qatt ma kien maħsub biex jaġixxi bħala sostitut għall-miżuri nazzjonali ta' kontra l-abbużi. Id-dispożizzjonijiet kontra l-abbużi fit-test leġiżlattiv huma mmirati biex jindirizzaw firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet usa' milli dawk koperti mill-Kodiċi ta' Kondotta. Għandu jiġi nnutat ukoll li l-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta ma jipproduċix deċiżjonijiet legalment vinkolanti.*

*Fl-aħħarnett, il-Kamra tad-Deputati tissuġġerixxi li 'din il-formula tikkawża tagħwiġ rigward il-vantaġġ komparattiv u kompetittiv tal-Istati Membri' għax tippremja ekonomiji li jiddependu fuq xogħol intensiv filwaqt li tippenalizza ekonomiji bi produttività għolja. Hija wkoll tantiċipa li porzjon akbar ta' dħul se jitqassam fl-Istati Membri b'rata tat-taxxa korporattiva ogħla. Fil-fehma tal-Kummissjoni, il-fatturi tal-BKKTK ma jippenalizzawx a priori produttività ogħla. Għall-kuntrarju, meta niġu għall-fattur tax-xogħol fil-formula, l-użu tal-paga – flimkien man-numru ta' impjegati – jippermettu li jittieħed kont tal-produttività kif riflessa fil-livelli tal-pagi. Ekonomiji orjentati lejn is-servizz wkoll mhumiex mistennija li a priori jitilfu mit-tqassim taħt il-BKKTK għax assi fissi li huma mifhuma li ma' kumpaniji tas-servizz għandhom valur baxx, mhumiex l-uniku fattur li jiddetermina l-allokazzjoni tad-dħul, iżda, jammontaw biss għal terz mill-formula bi tliet partijiet.*

*Fi kwalunkwe każ, jekk Kamra tad-Deputati tqis preferibbli sistema ta' allokazzjoni alternattiva, din tista' tagħti importanza sinifikanti lill-produttività, il-Kummissjoni hi miftuħa għal kwalunkwe suġġeriment dwar fatturi alternattivi għat-tqassim.*

---

[1] Il-każ C-446/03 *Marks & Spencer plc v David Halsey* (Her Majesty's Inspector of Taxes).

*Nixtieq nirringrazzjak tal-opinjoni tal-Kamra tad-Deputati u nispera li dawn l-ispjegazzjonijiet iservu sabiex jiċċaraw il-punti mqajma fl-Opinjoni. Nistenna bil-ħerqa li nkomplu d-djalogu politiku tagħna fil-futur.*

*Dejjem tiegħek,*

*Maroš Šefčovič*
*Viċi President*